**Reno Baldacchino**

**Vs**

**AFS Ltd**

CCT 220/23/CC

Illum 6 ta' Frar, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrentipprezentata fid-29 ta' Novembru 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €283 (mitejn u tlieta u tmenin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnu ghal pompa *submersible* li ma tiffunzjonax, u li r-rikorrenti xtara minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata AFS Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deher biss l-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attur jixhed bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2024.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Awwissu 2021 r-rikorrenti xtara pompa *submersible* minghand is-socjeta intimata. Wara xi zmien, din il-pompa ma baqghetx tiffunzjona, u huwa avvicina lis-socjeta intimata sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata. Gara li din il-pompa *submersible* r-rikorrenti taha lis-socjeta intimata f'April 2023, u ilha sa minn dak iz-zmien ghand l-istess socjeta intimata. Ir-rikorrenti jispjega wkoll li permezz ta' *email* datata 6 ta' Lulju 2023 mibghuta mis-socjeta intimata lir-rikorrenti, huwa gie infurmat li sabiex ir-rikorrenti jinghata pompa *submersible* gdida huwa ghandu jhallas l-ammont ta' €283 (mitejn u tlieta u menin ewro).

Illi jirrizulta li l-pompa *submersible* baqghet ghand is-socjeta intimata, u r-rikorrenti ma inghata l-ebda soluzzjoni goal dan.

Illi r-rikorrenti ipproduca fl-atti ta' dawn il-proceduri l-iskambju ta' *emails* bejnu u r-rapprezentant tas-socjeta intimata, kif ukoll ipprezenta ittra registrata mibghuta minnu lis-socjeta intimata.

Da parti taghha, is-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta intimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja taghha.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti jixhed bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2024, u wara li ra d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mir-rikorrent ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €283 (mitejn u tlieta u tmenin ewro) rapprezentanti pompa *submersible* li ma tiffunzjonax, u li liema pompa *submersible* diga tinsab ghand is-socjeta intimata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta'€283 (mitejn u tlieta u tmenin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru